Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru. 20 | Ottubru - Diċembru 2013 | 40c

**Paulo Freire:**
**Ħliemu u Ħidmietu**

Fuq Campus FM (103.7 FM)
mit-3 t'Ottubru 2013
Kull nhar ta' Ħamis fis-1.30pm,
u mtenni l-Ġimgħa fl-10.00am



Il-protagonist ta' din is-sensiela huwa Paulo Freire (1921-1997), Il-ħassieb, edukatur u attivist Brażiljan. Il-qari tal-kitbiet darriesa tiegħu se jkebbes diskussjonijiet dwar l-edukazzjoni u l-preżent politiku, soċjali, kulturali u ekonomiku. Maħsuba u mmexxija mill-Professur Carmel Borg, din is-sensiela toffri truf għall-qari kritiku tad-dinja li hi u tama lil dawk li donnhom waqfu joħolmu f'dinja li għad trid tkun.

***Żminijietna intervistat lil Professur Carmel Borg dwar l-inizzjattiva tiegħu li jippubblika l-ħsibijiet u l-ħolm ta' l-Edukatur u Ħassieb Brażiljan Paulo Freire***

***Din l-intervista nteressanti tidher fil-paġni tan-nofs ta' din il-ħarġa ta' Żminijietna***

***Ġewwa...***


- ***L-Editorjal dwar il-Gvern Pollakk u nazzjonalizzazzjoni tal-pensjoni.***
- ***Qassin Moderni.***
- ***Il-Konvenzjoni ta' ILO dwar Ħaddiema Domestiċi.***
- ***Ix-Xellug Kontra l-Politika ta' Privatizazzjoni***


# Jeħtieġ Mudell Soċjali Kontra l-Faqar




Il-ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali hi ġlieda li teħtieġ politika soċjali ċara u li tkun waħda fuq bażi nazzjonali, li tindirizza direttament setturi varji tal-popolazzjoni li qegħdin f'risjku ta' faqar.

Diversi studji juru li l-ammont ta' nies f'Malta li huma f'risjku li jaqaw fil-faqar u l-esklużjoni soċjali minħabba l-istess faqar huma 88,000 persuna.

Dawn iċ-ċifri juru ċar li l-kampanja kontra l-faqar teħtieġ mudell soċjali u politika fiskali progressiva u mhux aktar politika limitata għall-individwi. Jekk ser nibqgħu b'din l-istrateġija, l-ammont ta' nies f'riskju ta' faqar se jiżdied u mhux jonqos.

L-istrateġija Ewropea hija eżempju ċar ta' falliment politiku kontra l-faqar fl-Ewropa. Ma' tistax tapplika politika neoliberali biex teredika l-faqar. In-neoliberaliżmu, tista' tgħid, u dan hemm studji li jikkonfermawh, li hu sors ewlieni għal dik li hi żieda fl-inugwaljanza soċjali, nies f'risjku ta' faqar, pagi baxxi, ħaddiema b'xogħol prekarju, inqas aċċess għal servizzi pubbliċi, u aktar privatizazzjoni.

Huwa pożittiv li l-Gvern qed jirrikonoxxi l-eżistenza reali tal-faqar f'Malta. F'dan ir-rigward, imma nemmnu li huwa essenzjali li Malta tadotta mudell ħolistiku soċjali li jevita mill-ewwel il-faqar. Biex jseħħ dan, Malta għandha timxi lil hinn mill-politiki neo-liberali u minflok tiżgura li welfare state jkun wieħed universali, li l-politika fiskali tkun progressiva, u li l-ġustizzja soċjali tkun waħda integrata.

Nqisu li wħud mill-pjanijiet li huma essenzjali biex jiġi ndirizzat l-faqar jinkludu, żieda fil-paga minima, pensjoni bażika adegwata għall-kulħadd, politika tax-xogħol li tkun inklussiva u kontra prekarjetà, żieda ta' investiment fl-edukazzjoni u li jkollna sistema tad-dħul fiskali sostenibbli li tiġġenera biżżejjed dħul biex tiffinanzja l-infiq pubbliku. Fir-rigward ta' taxxa, aħna bil-qawwa nibqgħu nappellaw lill-Gvern biex jirrevedi lura l-miżura tal-baġit, ta' tnaqqis fir-rata ta' taxxa ta' dħul minn 35% għal 25%, jew nkella l-istat se jitlef ammont konsiderevoli ta' dħul li huwa essenzjali għat-tħaddim tas-servizzi pubbliċi u l-ġlieda kontra l-faqar. L-istess nappellaw għar-reviżjoni tal-COLA biex tkun aktar realistika.

Fir-rigward tax-xogħol, Żminijietna tqies li teżisti konnotazzjoni kbira bejn dak li hu mpjieg u faqar.

## "L-Ilma hu Dritt tal-Bniedem"

L-Organizzaturi wara l-kampanja Ewropea 'Water is a Human Right' ħabbru li l-firem miġbura jlaħħqu aktar minn 1.9 miljun firma. L-għan tal-kampanja kien biex l-Kummissjoni Ewropea tikklassifika l-aċċess għall-ilma bħala Dritt Uman fil-leġislazzjonijiet Ewropej.

L-Organizzaturi rringrazzjaw lill-kulħadd li iffirma u ħadem biex jinġabru dawn il-firem. Huma qalu li l-Inizjattiva Ewropea taċ-Ċittadini kienet suċċess kbir u din diġà ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea, gvernijiet nazzjonali, partiti politiċi u minn nies minn madwar id-dinja li qed jiġġieldu ta' kuljum għad-dritt ta' ilma nadif, 'safe', u affordabli.

B'kollox l-organizzaturi qali li nġabru ma 1, 547,859 firma (online) u 315,000 bl-idejn. Jidher, komplew jgħidu l-organizzaturi, li għad hemm numru kbir ta' firem li għadhom deħlin. Il-kampanja tista' tgħid kienet suċċess kbir għax inqabeż in-numru rekwiżit ta' firem fi tlettax il-pajjiż. Skond ir-regoli ta' (ECI), l-firem miġbura jridu jaqbżu l-kwota tal-pajjiż, f'sebá pajjiżi.

L-organizzaturi qalu l-firem kollha miġbura se jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali għal verifikazzjoni. Sa tlett xhur oħra, skond l-organizzaturi, dawn se jgħaddu l-firem validi kollha lill-Kummissjoni Ewropea. Wara l-Kummissjoni trid tirrispondi għat-talbiet tal-petizzjoni. Jisperaw li fl-10 ta' Diċembru ta' din is-sena tingħata l-aħbar tas-suċċess ta' din il-kampanja. Aktar nformazzjoni tista' tinkiseb fuq is-sit www.right2water.eu - Il-kampanja sabet l-appoġġ ta' l-ETUC u lokalment tal-General Workers Union.

**Preżentament għaddejja kampanja oħra miċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea favur id-dritt ta' dħul bażiku mingħajr kundizzjonijiet *(European initiative for an Unconditional Basic Income)*. F'Malta din il-kampanja qed issib l-appoġġ ta' Żminijietna – Leħen ix-Xellug u l-Alleanza Kontra l-Faqar.**



# ATTITUDNI SFAĊĊATA LEJN IL-ĦADDIEMA

**Alfred Consiglio**

Il-ġlieda bejn dawk li għandhom ħafna u dawk li m'għandhom xejn fl-Istati Uniti tal-Amerika kienet irreferuta fl-1826 bħala 'gwerra klassista', però għal xi żmien il-ġlieda kienet waħda verbali.

Fl-ewwel kwart tas-seklu dsatax kien hemm xi ftit strajkijiet għal pagi ogħla u għall-għarfien ta' għaqdiet tal-ħaddiema. Il-waqfien mix-xogħol normalment involva għexieren ta' nies, imma kienu nies timidi; dawk li jistrajkjaw kienu jgħajjru ta'



Ħaddiema tat-tessuti fuq strajk

spiss, lil dawk li jidħlu jaħdmu, b'diversi aġġettivi, fosthom 'ġrieden'. L-istrajk kien meqjus 'kumplotti' jew 'intrapriżi malizzjużi', u aktarx iva milli le, dawk li jistrajkjaw kienu jiġu arrestati mill-ewwel u mmultati jew mitfugħin il-ħabs u mibdulin minn ħaddiema oħrajn.

Lejn l-aħħar tas-snin 1830, immigranti, l-aktar Ġermaniżi, Olandiżi u Irlandiżi, bdew jaslu f'numru kbir, u minn dak iż-żmien 'il quddiem inċidenti ta' vjolenza kienu spissi.

Kundizzjonijiet fl-Ewropa kienu ħżiena, u industrijalisti Amerikani kienu jibgħatu aġenti lejn l-Irlanda sabiex iħajjru ħaddiema lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bi stejjer fantastiċi ta' gzuz ta' deheb u opportunitajiet bla limiti. 'The Voice of Industry', ġurnal riformist stampat f'Massachusetts, f'editorjal saħaq mgħaddab kontra "l-importazzjoni ta' strikebreakers", u akkużat lis-sidien bil-ħolqien ta' popolin fqir numeruż, li minħabba kundizzjonijiet miżerabbli, kien lest jaħdem minn 14 sa 16-il siegħa kuljum. (1)

L-għadab kien ġustifikat. L-industrijalisti kienu jħallsu lill-immigranti pagi miżeri. Ħaddiema Amerikani naturalment ma ħadux gost bil-preżenza ta' dawn l-immigranti; xi għaqdiet tal-ħaddiema fi New York u Pennsylvania ħarsu lejhom b'avversjoni. Dawn l-immigranti kienu mħaddmin fi proġetti ta' kostruzzjoni ta' kanali fi New York, Maryland u Pennsylvania b'pagi ta' bejn 5 u 12-il dollaru fix-xahar. Ta spiss, tqanqil, deskritt mill-istampa bħala 'tixwix', kien iqum għall-aktar paga, u meta tissejjaħ il-milizzja, jiġru mwiet u propjetà tisfa mkissra.

L-Irlandiżi kienu l-aktar li jqanqlu t-tilwim għall-kundizzjonijiet aħjar; il-Ġermaniżi w immigranti oħrajn kienu jsofru fil-kwiet. Fl-1836 grupp ta' ħaddiema Irlandiżi tat-tarznari fi New York irvellaw għal pagi ogħla. Il-Journal



of Commerce ta' New York irrefera għal dan it-tilwim bħala fenomenu li kien importat minn 'irmixk' u 'żibel' tal-Ewropa, u l-arroganti Pennsylvanian sejjaħ lix-'xewwiexa' bħala barranin boloħ u rashom sħuna.

L-immigranti kienu ttrattati bħala 'ħmieġ', 'irmixk' u 'żibel'. Ġuħ u miżerja wassluhom għal kondotta sfaċċata sporadika. Il-kundizzjonijiet li pprovokawhom lejn irvellijiet kienu inumani.

Immigranti Ġermaniżi (ritratt)



Ħaddiema Nisa

Sal-1860 l-Istati Uniti tal-Amerika kienet impenjata fl-isfruttar u l-organizzazzjoni tar-riżorsi materjali vasti li kellha. Irjus kbar finanzjarji w industrijali kienu jitqatlu b'kemm kellhom saħħa biex jiddeterminaw minn kellu jsalva u jiddomina. Il-kapitalisti jaqblu fuq ħaġa waħda, dik ta' oppożizzjoni lejn l-istinkar tal-ħaddiema biex itejjbu ħajjithom.

Xi mexxejja u riformisti mexxew 'il quddiem xi skemi li bihom il-ħaddiema setgħu jemanċipaw ruħhom mill-ħakma tas-sidien. Il-moviment trejdunjonista kien moviment kapriċċuż, ix-xewqat tiegħu mhux ċerti u konfużi. Il-ħaddiema f'dan iż-żmien kisbu rebħa waħda, dik tal-istrajk tal-1872 fi New York City, li fih ħadu sehem mal-100,000 ruħ, ħaddiema tal-bini. Iżda r-rebħa kienet momentarja.

Il-kriżi ekonomika tal-1873 tefgħet lill-pajjiż f'paniku. Il-ħaddiema, bl-eluf, sfaw bla xogħol; pagi tnaqqsu. Bejn l-1873 u l-1880 il-pagi naqsu bin-nofs. Ma kien hemm ħadd li sata' jmexxi lill-ħaddiema. F'laqgħa tal-massa f'Diċembru 1872 fi New York, kartellun kien jgħid lli kien hemm aktar minn 182,000 ħaddiem qegħda.

Fl-1877 l-Inter-Ocean, ġurnal minn Washington, ammetta li "qatt ma kien hemm żmien fl-istorja tal-Istati Uniti meta ammont akbar ta' għaks, faqar u miżerja eżistew daqs iż-żminijiet tal-lum.(2)

Noti:
Louis Adamic: Dynamite, A Century of Class Violence in America 1830-1930.
ibid.

# QASSISIN MODERNI

Meta kont zgħira,kont immur inqerr darba fil-ġimgħa. Din il-ħaġa kienet tgħin għax kien ikollok ma' min tiftaħ qalbek, allavolja il-parir li kont tingħata kien ħafna drabi biex tieħu paċenzja.

Il-lum il-ġurnata hawn ħafna nies li ma jippratikawx ir-reliġjon. Dawn ħafna drabi ma jsibux ma min jifthu qalbhom jew agħar min hekk isibu min itihom parir ħazin.

Naf li hemm aġenziji li jagħtu parir, bħan-numru 179 u Sedqa, u issa wkoll ser jitwaqqfu xi ċentri ġodda, iżda ħafna drabi ,dak li jkun, jirreferi għal dawn l-aġenzji, meta l-problema tkun daħlet il-ġewwa. Issib koppji li l-ewwel jiġġieldu kemm jifilħu u mbagħad imorru għand il- counsellor.

Nemmen li l- counselling kulħadd għandu bżonnu bħal meta f'dari kulħadd kien imur iqerr. Jien inħoss li dak li jkun għandu jkollu kuntatt ma' counsellor mit-twelid sal mewt. Jekk ma jkunx hemm problema dak li jkun se jara l- counsellor ngħidu aħna darba kull tliet xhur biss, jekk ikun hemm il-problemi dawn jaraw il-counsellor wisq iżjed spiss.

Huwa mportanti imma li titfassal strateġija nazzjonali sabiex jkun hemm counsellor għal kull 1500 persuna u kull persuna tkun taf min hu jew hi l-counsellor tagħha jew tiegħu hu jkollha n-numru tal-counsellor tagħha jew tiegħu.

B'hekk il-counsellors fuq livell professjonali jibdew jagħmlu xogħol li sa llum, minħabba l-kultura tagħna għadha qed tiġi prattikata mil-qassisin. Fl-istess waqt tista' tħarreġ aktar żgħażagħ jidħlu f'dan il-qasam u tgħin biex jinħoloq aktar xogħol. Dawn il-counsellors flimkien mal-infermiera u l-paramediċi għandhom jieħdu ġurament ta'segretezza. Nispera li din il-bidla ma ddumx ma tiġri.

***Josephine Gatt-Ciancio***

# "PRISONS NO MORE"

Il-ktieb ta' hawn taħt maħruġ minn Josephine jista' jinkiseb mingħand il-ħwienet ta' l-Aġenda jew direttament mingħand l-awtriċi fuq 9986 3149
Gatt-ciancio@melita.com



*Editorjal*

# Il-Gvern Pollakk jinnazzjonalizza l-pensjonijiet

Il-gvern lemini tal-Polonja ħoloq tempesta fid-dinja kapitalista hekk kif bil-kwiet "innazzjonalizza" l-fondi li l-ħaddiema ħallsu fil-kumpaniji privati tal-pensjonijiet u poġġa dawn il-flus fil-fond tal-pensjoni statali. Il-gvern għamel dan mingħajr ma ta kumpens lill-kumpaniji privata.

Il-midja qaddejja tas-suq ħieles u l-kapital privat tgħidx kemm ikkummentat u kkritikat b'mod feroċi lill-gvern qiesu għamel xi dnub mejjet. Fil-fatt dan il-każ huwa sinjal ieħor li l-gvernijiet kapitalisti jekk iridu joħorġu mill-kriżi finanzjarja jew jevitaw miżuri t' awsteritá selvaġġa qegħdin jifhmu li m'hemmx triq oħra ħlief li jwettqu 'policies' xellugin u soċjalisti.

Il-gvern Pollakk ġie akkużat b'logħob bil-kliem għax qal li din ma kinitx nazzjonalizzazzjoni imma sempliċiment trasferiment tal-fondi u l-assi, proprjetá tal-privat għal ġo sistema statali msejħa ZUS.

L-aġenziji b'fondi privati tal-pensjonijiet, b'ħafna mmaniġġjati minn kumpaniji barranin qalu li l-pass tal-gvern jikser il-kostituzzjoni.

S'issa l-ħaddiema Pollakki kien ikollhom iħallsu bilfors kemm kontribuzzjoni fis-ZUS ta' l-istat kif ukoll kontribuzzjoni fl-iskemi privati. Issa l-gvern iddeċieda li l-ħlas lill-kumpaniji privati mhux aktar mandatorju (bil-fors) u għalhekk il-kumpaniji privati qegħdin jilmentaw li se jonqsilhom ferm id-dħul.

Il-Prim Ministru Donald Tusk qal li s-sistema kif kienet, kienet mibnija fuq żjieda fid-dejn pubbliku. Huwa saħaq li apparti mill-konsegwenzi pożittivi, il-pensjonijiet se jkunu aktar żguri. Li huwa żgur li b'dan il-pass il-gvern żied l-assi tiegħu u jista' għalhekk ixejjen akkużi li l-gvern qiegħed jiddejjen persentaġġ ikbar mill-GDP.

Il-midja finanzjarja tal-kapitalisti ħarġet bi kritika feroċi speċjalment għax huma beżgħana li pajjiżi oħra jistgħu jimxu fuq dan l-eżempju. Semmew kif din il-miżura qegħda ssir popolari u bħala eżempju jsemmu kif il-Gvern ta' Ċipru ħataf flus iċ-ċittadini mil-banek kollha minħabba l-kriżi li ffaċċja.

Din l-istorja turina biċ-ċar li l-"esperti" u l-gurus tas-suq ħielsa jobsqu l-vomtu malli xi stat jiddeċiedi li flus il-poplu jibqgħu fil-pajjiż u jintużaw għall-ġid tal-pajjiż. Għax huma biss interessati li l-flus il-poplu huma biss biex jaqdu lill-kumpaniji privati ħalli jagħmlu aktar profitti. Ftit jitkellmu meta dawn il-kumpaniji privati jfallu (ġeneralment minħabba frodi) u jħallu l-ħaddiema lampa stampa.

L-importanti huwa li l-gvern iħaddem il-flus bil-għaqal u hemm eżempji ta' kif dan jista' isir, per eżempju s-sistema tal-pensjoni tad-Danimarka fejn is-sistema hija mħaddma minn kumpanija ta' l-istat imma fejn il-kapijiet ma jieħdux is-salarji fenomenali kif jagħmlu dawk tal-kumpaniji privati, li bil-wiċċ tost kollu jibqgħu jippretendu salarji u bonuses oxxeni anke wara li bil-ħidma ħażina tagħhom, kultant kriminali, ifallu l-kumpaniji.

Il-ġrajjiet kurrenti li qegħdin iseħħu fid-dinja kapitalista qegħdin iġibu fix-xejn il-ħrafa li l-gvern huwa ineffiċjenti u li kollox jimxi aħjar jekk ikun f'idejn il-privat.

Din hija biss ħrafa għax il-pajjiżi li l-inqas li ntlaqtu mill-kriżi finanzjarja, u dawk li bdew ħerġin mill-kriżi finanzjarja, għamlu hekk grazzi għas-sehem ewlieni ta' l-istat fl-ekonomija, u għall-kontrolli tiegħu fuq il-kapitalisti slavaġ. Fuq nett hemm l-Istati Uniti.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 fl-indirizz: P.O Box 35 Sliema. SLM1000***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Stħarriġ Rumen juri li taħt il-Komuniżmu l-ħajja kienet aħjar.

Il-poplu tar-Rumanija, xi 22 sena wara t-twarrib tat-tmexxija Komunista daq is-sistema kapitalista, u stħarriġ xjentifiku juri li l-maġġoranza tal-poplu temmen li ħajjithom kienet aħjar taħt il-komuniżmu. Fil-fatt 63% qalu li kellhom ħajja aħjar taħt il-Komunisti u 23% biss qalu li dak iż-żmien kienu agħar.

L-aktar riżultat li għaġġeb lir-riċerkaturi kien li 41% qalu li kienu jivvutaw għal Ceausescu kieku kien f'pożizzjoni li jikkontesta għall-kariga ta' President.

Hekk kif il-kriżi ekonomika u soċjali qiegħda tiħrax, aktar u aktar nies qegħdin jifhmu u jemmnu kemm kienu aħjar taħt il-komuniżmu.

Stħarriġ fl-2006 mis-Soros Foundation tar-Rumanija sab li 53% tal-poplu kien jemmen li l-komuniżmu kien idea tajba. Dan kien spjegat minn tliet raġunijiet – ekonomiċi, ideoliġiċi u l-esperjenza.

Il-maġġoranza li jiftakru l-komuniżmu b'mod favorevoli huma l-foqra, il-bdiewa u r-raħħala u l-ħaddiema. Dawk li appoġġaw il-komuniżmu huma nies li apprezzaw "l-ispirtu soċjalista tal-ġustizzja". Minn dawk li ġew mistħarrġa kienu 6% biss li qalu li sofrew xi tip ta' persekuzzjoni taħt il-komuniżmu.

Il-Banometru ta' l-Opinjoni Pubblika mill-2007 wera li 31% tar-Rumeni jħossu li l-ħajja kienet aħjar fil-pajjiż qabel l-1989.

Skond stħarriġ ta' l-2009, 86% tar-Rumeni qalu li "l-istat għandu jipprovdi lil kulħadd b'livell diċenti ta' ħajja".

Analisti ta' dawn l-istħarriġ qalu li aktar żgħażagħ u aktar nies b'edukazzjoni tajba qegħdin iħossu li l-pajjiż kien aħjar taħt il-Komunisti.

Jidher ċar li d-differenzi bejn żgħażagħ u kbar, dawk b'edukazzjoni baxxa u dawk b'edukazzjoni għolja u bejn dawk attivi u inattivi fis-soċjetá naqset sew fl-apprezzament pożittiv għall-prinċipji u 'policies' soċjali tar-reġim komunista.

Skond l-istħarriġ ta' l-1999 l-intelletwali ma kienux jemmnu fil-benefiċċji tal-Komuniżmu waqt li skond l-istħarriġ ta' l-2009 ħafna biddlu fehemthom.

L-ispjegazzjoni, qalu l-analisti hija, li l-poplu qiegħed jiffaċċja pressjoni soċjali u ekonomika u għalhekk ix-xewqa tagħhom għal sigurtá soċjali garantitá kibret, huma x'inhuma l-livell edukattiv, etá u status soċjali.

Il-klassi medja li tifforma xi 23% tal-poplu qiegħda tħoss il-bżonn ta' sigurtá soċjali u għalhekk jiftakru b'apprezzament il-benefiċċji tal-'policies' soċjali komunisti.

Studju ta' l-2008 mill-gvern wera li aktar minn 30% ta' l-istudenti Rumeni jemmnu li l-ħajja kienet aħjar qabel l-1989 għax is-sistema edukattiva u l-livell tal-ħajja kienu ferm superjuri.



# Paulo Freire "l-edukazzjoni trid tirkupra t-tradizzjoni demokratika u kritika"

***Żminijietna qed twassal lill-qarrejja l-intervista ma' Professur Carmel Borg (ritratt) li saret minn David Pisani u Michael Grech.***

**Ħafna minna iqisu l-edukazzjoni bħala proċess fejn l-istudent jidħol l-iskola nieqes mill-għarfien, u l-għalliem li għandu l-għarfien iferra għerfu u għarfintu fl-istudent. X'hemm ħażin f'dan il-mudell skont Freire (1921-1997)?**

Freire kien kritiku kbir ta' proċess edukattiv li hu jlaqqam 'edukazzjoni bankarja'; proċess edukattiv li jitrażmetti l-għerf u t-tagħrif minn għalliema esperti għall-imħuħ sponoż u passivi tal-edukandi. Skont l-intellettwali u attivist Brażiljan, l-'edukazzjoni bankarja' hija perikoluża għax tmermer il-poter kreattiv tal-edukandi, tirreżisti d-djalogu u timmitoloġizza r-realtà billi timblokka l-kurżità u l-ħliem (*verb: ħolom*) u tbarri l-interrogazzjoni.

L-'edukazzjoni bankarja' tirreduċi l-għerf u t-tagħrif f'għalf ipproċessat u mitmugħ. B'dan il-mod, id-dinjità tal-istudent, bħala persuna li kapaċi tinvestiga u tikkontribwixxi għerf u tagħrif ġdid, titnaqqar. Flok li tillibera, l-'edukazzjoni bankarja' għandha t-tendenza li timmansa u tikkolonizza l-imħuħ. B'hekk, din l-edukazzjoni, skont Freire, iċċaħħad lill-bnedmin mill-vokazzjoni storika li jsiru aktar umani.

It-tweġiba edukattiva ta' Freire – il-pedagoġija tal-oppressi – għandha l-għan li tgħin lill-bniedem jidħol fi proċess ta' tfittxija kollettiva għall-ħelsien u għal aktar umanizzazzjoni tal-jien u 'l hinn minnu; hija pedagoġija mibnija fuq il-qari kritiku tad-dinja u l-azzjoni infurmata li twassal għat-trasformazzjoni personali u soċjali.

**F'pajjizna ħafna jaħsbu li fl-edukazzjoni l-politika m'għandhiex tidħol. X'rabta hemm bejn il-politika u l-edukazzjoni skont Freire?**



Freire fehem il-periklu ta' sistema edukattiva li tħarreġ aktar milli teduka, li tirriproduċi aktar milli tifforma, li tiċċertifika aktar milli tgħallem, strumentali aktar milli intellettwali, reattiva aktar milli proattiva, dejqa aktar milli ħolistika, privattizzata aktar minn qatt qabel, u deskrittiva aktar milli kritika. Għal Freire, dawn l-għażliet pedagoġiċi u kurrikulari għandhom għeruq ideoloġiċi; għażliet li jsostnu l-preferenza għal relazzjonijiet ekonomiċi u politiċi oppressivi filwaqt li jnaqqru l-importanza taċ-ċittadinanza kritika. Deċiżjonijiet politiċi konxji li jinħbew wara l-illużjoni tan-newtralità filwaqt li jmermru fibret l-edukazzjoni li taspira għad-demokrazija vera; deċiżjonijiet li jħarrxu l-gwerra kontra l-profondità tal-ħsieb, l-intellettwaliżmu, l-akkademja, ir-riċerka impenjata u parteċipatorja u l-ħsieb kritiku. Proċess edukattiv li għandu t-tendenza li jipproteġi l-istatus quo soċjali u ekonomiku mill-possibiltà ta' xi dubju miċ-ċittadini u minn xi azzjoni trasformattiva.

Hekk kif sistemi edukattivi aktar uniformi qegħdin jippruvaw iwiegħbu b'aktar effiċjenza għal ekonomija aktar globali, Freire iwissina li t-twarrib tal-ħsieb kritiku għandu l-effett li jdgħajjef il-ħeġġa u l-ħila taċ-ċittadini li jiskopru l-verità dwar il-ħtif u l-konċentrazzjoni tal-ġid u l-poter, il-faqar, il-qgħad, il-prekarjetà, il-miltariżmu, il-kriżi finanzjarja, ir-razziżmu istituzzjonalizzat, it-tnaqqir tas-solidarjetà fost il-ħaddiema, it-tkissir tal-komunitajiet, l-individwaliżmu sfrenat, il-kolonjaliżmu politiku, kulturali u ekonomiku, fost ħafna fenomeni oħra li dan il-kapitlu tal-kapitaliżmu selvaġġ qiegħed joħloq jew isaħħaħ.

Freire isostni li l-edukazzjoni trid tirkupra t-tradizzjoni demokratika u kritika jekk trid isservi liċ-ċittadin qabel l-ekonomija mżejtna primarjament mid-dollaru Amerikan. Biex dan iseħħ, ħidmet l-edukaturi trid twassal biex jinħolqu spazji profetiċi u trasformattivi; spazji politiċi li jikkontradixxu ċ-ċiniżmu u d-disperazzjoni ta' kotra nieqsa mill-kuraġġ ċiviku u beżagħna mill-protagoniżmu soċjali.

**Ħafna f'pajjiżna jsostnu li l-edukazzjoni tagħti ċans lil kulħadd jirnexxi. Donnhom id-distinzjonijiet ta' klassi jisparixxu għax l-iskola tagħti opportunità lil kulħadd. Kemm hu minnu dan? Jista' Freire jgħina naslu għal analiżi aktar korretta?**

Is-sistema edukattiva tagħna hija sistema diskriminatorja għax tfejjaq lil min hu b'saħħtu. Kull riċerka li teżisti dwar Malta, lokali u internazzjonali, turina li l-proċess edukattiv f'"Malta mhux jirnexxielu jasal biex jagħti l-ħiliet bażiċi lil kulħadd. Meta wieħed janalizza min huma dawk li waqgħu lura jsib li ħafna minnhom huma wlied il-ħaddiema. Għalhekk, nibqa' nsostni li l-qasma soċjali għandha għeruqha fl-edukazzjoni; edukazzjoni diskriminatorja li tagħżel wara li tiddefinixxi b'mod dejjaq x'inhu suċċess edukattiv.

Freire jgħinna nifhmu li l-edukazzjoni la hi newtrali u lanqas innoċenti. Freire jsostni li l-edukaturi għandhom għażliet x'iwettqu; jew iħarsu lejhom infushom sempliċiment bħala nies tekniċi li xogħolhom huwa li jkopru materjal mitmugħ miċ-ċentru u, allura, jirriproduċu l-istatus quo, jew jagħżlu t-triq diffiċli tar-reżistenza u jikkontribwixxu biex is-sistema taqdi l-isfidi demokratiċi bl-istess ħeġġa li taqdi dawk ekonomiċi. Għalhekk, skont Freire, il-formazzjoni inizjali u kontinwa tal-għalliema għandu jkollha kontenut politiku; formazzjoni




***Din il-ġabra ta' kitbiet u ħlimiet ta' l-Intelletwali Paulo Freire maqluba għall-Malti mill-Profes-sur Carmel Borg jinsab għall-bejgħ f'diversi ħwienet tal-kotba.***

*ikompli f'paġna 5*

*ikompli minn paġna 4*

kontinwa li twassal biex l-azzjoni fil-klassi u fl-inħawi tad-deċiżjonijiet edukattivi tkun konsistenti ma' għażliet politiċi konxji.

**F'pajjizna ħafna jqisu l-edukazzjoni bħala l-għodda biex tikseb ħiliet ħalli ssib xogħol tajjeb. Issa, kunċett fundamentali fil-ħsieb ta' Freire hu dak ta' 'kuxjenzizzazzjoni'. X'jifhem Freire b'dan il-kunċett? U kif jorbot dan il-kunċett fil-mod li bih bosta jaraw l-edukazzjoni f'pajjiżna?**

Freire jidentifika livelli differenti ta' kuxjenzizzazzjoni. L-aktar livell primittiv huwa semi-intranżittiv. Iċ-ċittadin imcaħħad mid-dinjità tiegħu jsibha bi tqila biex jifhem u jfiehem b'mod kritiku l-għeruq tal-ħajja miżerabbli li tjassru. Minflok, jispjega dak li jkun għaddej minnu b'ilsnet il-'maġija'. Għal Freire, l-azzjoni ta' oppress li jorbot tiġribu ma' poter superjuri jew ma' nuqqas ta' ħila personali ma tista' qatt twassal għat-trasformazzjoni. Għall-kuntrarju dan il-livell jikkundanna lill-individwu fi skiet perpetwu.

Livell ieħor ta' kuxjenzizzazzjoni li Freire jitkellem dwaru huwa dak li hu jirreferi għalih bħala naive-tranżittiv. Dan il-livell huwa kkaratterizzat minn simplifikazzjoni żejda ta' problemi kumplessi, nuqqas ta' interess fi proċessi investigattivi, għażż intellettwali, qari azzardat u mlewwen tal-ħajja u argumenti superfiċjali ta' xeħta polemikuża.

Hemm imbagħad dak li Freire jirreferi għalih bħala kuxjenza fanatika. Freire iqis dan il-livell bħala wieħed perikoluż għax filwaqt li ġisem u moħħ l-oppress huwa maħkum, l-imtarraf jibqa' jaħseb li huwa ħieles.

Għall-Freire, il-vjaġġ tal-fidwa mill-kuxjenza fanatika għal kuxjenza kritika – il-vjaġġ tal-ħelsien - għandu s-sura ta' proċess djalogali ġenwin li fiċ-ċentru tiegħu hemm l-interpretazzjoni profonda u kritika ta' fenomeni soċjali, ekonomiċi u kulturali, it-tfittxija kontinwa u pubblika għall-għeruq tal-forom differenti tal-oppressjoni, u ċ-ċaħda tal-'maġija' bħala spjegazzjoni ta' fenomeni materjali u konkreti. Biex il-proċess ta' kuxjenzizzazzjoni jirnexxi, il-massa oppressa trid tegħleb il-passività u tieqaf titrasferixxi r-responsabbiltà umana f'ħoġor il-poter sopra naturali.

**Il-ħsieb u l-filosofija ta' Freire qed jiġu applikati fl-iskejjel tagħna?**

Sfortunatament, minkejja li Freire huwa figura importanti fil-formazzjoni tal-għalliema lokali, l-iskejjel huma kkaratterizzati minn allerġija kbira għall-ħsieb kritiku u anti-intellettwaliżmu li jifga kull inizjattiva biex l-għalliema jirriflettu b'mod kritiku fuq l-irwol tagħhom f'kuntest soċjo-ekomomiku li qiegħed jneżża lill-bniedem mill-umanità tiegħu. Dak li jsir fil-formazzjoni intelletwali inizjali tal-għalliema donnu qiegħed itir mar-riħ hekk kif dawn jirfsu l-għatba tal-iskola; il-professjonisti, frott it-twaħħid tal-moħħ u l-idejn, isiru jdejn tekniċi u jħallu dak li huma jsejħulha teorija għal meta forsi jerġgħu jirritornaw għall-istudju.

**Ix-xogħol ta' Friere kellu influwenza wkoll fuq il-qasam reliġjuż. Tista' tgħidilna aktar dwar dan?**

Freire kkummenta diversi drabi dwar dan il-qasam. L-utopija ta' Freire ma kinitx esklussivament Marxista; kellha doża qawwija Kristjana ta' bixra profetika. Freire jistqarr li meta ltaqa' ma' Marx, fl-istudju u fid-djalogu man-nies, kompla jiltaqa' m'Alla.

Freire jista' jitqies bħala Kattoliku radikali, qrib tat-Teoloġija ta' Liberazzjoni. Skont Freire, din it-teoloġija toffri t-tama billi tiddenunzja l-inġustizzji u tannunzja l-ħelsien u l-ġustizzja soċjali; teoloġija mgħarrqa f'viżjoni ta' Alla li jgħin lill-popli biex ikunu rivoluzzjonarji fis-soċjetà billi jkunu suġġetti tal-Istorja.

Freire kien konvint li t-teologu jista' jkun rivoluzzjonarju. Teologu rivoluzzjonarju jistaqsi l-mistoqsijiet skomdi aktar milli jipprova 'jirrikonċilja l-irrikonċiljabbli'. B'mod konkret, teologu rivoluzzjonarju: jiġġieled kontra l-oppressjoni u l-esplojtazzjoni fi ħdan il-Knisja u 'l hinn minnha; jaħdem biex joħroġ lill-Knisja tradizzjonalista mill-agħar forom ta' missjoniżmu u kolonjaliżmu reliġjuż; iħabrek biex iwaħħad it-traxxendentali mal-materjali; u jgħallem li l-pellegrinaġġ spiritwali huwa medjat mid-dinja u, għalhekk, il-persuna ma tistax tasal għas-salvazzjoni mingħajr ma taf xi tfisser il-liberazzjoni.

Il-Knisja profetika, l-anti-teżi tal-Knisja tradizzjonalista, tanalizza b'mod kritiku l-istrutturi soċjali li fihom iseħħ il-konflitt soċjali u timpenja ruħha b'mod pubbliku favur il-klassijiet soċjali subbordinati u favur il-bidla soċjali radikali. Dan l-impenn oriġinali tal-Knisja, imwarrab matul is-sekli, għandu l-għan aħħari li l-klassijiet maħkuma jinqalgħu mill-kultura tas-skiet u jesperjenzaw l-utopija tagħhom – l-Eżodu - billi jsiru rivoluzzjonarji.

# Malta Għanda tirratifika l-Konvenzjoni ta' ILO dwar Ħaddiema Domestiċi .

**Mary Ann Zammit**

Fil-5 ta' Settembru 2013 daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' ILO dwar ħaddiema domestiċi. L-għan tal-Konvenzjoni hu biex dawn il-ħaddiema jkunu protetti mid-drittijiet bażiċi. F'Malta in-numru ta' dawn il-ħaddiema wkoll qed jiżdied, u jaħdmu l-aktar ġo residenzi privati. Ħafna minnhom huma ta' nazzjonalità Filippina. Statistika lokali ta' ETC turi li ma 150 persuna Filippina jaħdmu f'dan is-settur. Ħafna minn dawn il-ħaddiema jinġiebu Malta minn aġenziji privati.




Skond l-aħħar statistika ta' ILO, hemm madwar 53 miljun persuna jaħdmu f'dan is-settur, ħafna minnhom mingħajr kundizzjonijiet ċari ta'l-impjieg, mhumiex reġistrati u esklużi mis-suq tax-xogħol. Aktar minn kwart huma kompletament esklużi mill-qafas legali. Fil-każ ta' tfal, din il-konvenzjoni hi eskluża, għalfatt li huwa llegali li tfal taħt –il 15 sena jitħaddmu. Imma statistika ta' ILO ta' 2008 turi li bejn wieħed u ieħor hemm ma 7.8 miljun tifel u tifla li jaħdmu bħala ħaddiema domestiċi, l-aktar pajjiżi foqra.

Ħafna drabi il-ħaddiema domestiċi jispiċċaw jaħdmu taħt kundizzjonijiet prekarji, esplojtjati u d-driitijiet tagħhom injorati. Huwa kkalkulat li ħafna minn dawn il-ħaddiema huma nisa mmigranti li qegħdin jispiċċaw jaħdmu mingħajr kundizzjonijiet xierqa tax-xogħol.

Dan hu fattur ieħor li qiegħed jikkontribwixxi għall-aktar xogħol prekarju. Il-Konvenzjoni favur il-ħaddiema domestiċi tħeġġeġ lil Gvernijiet biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw protezzjoni legali. Dan japplika ukoll fil-każ ta' ħaddiema mmigranti, fejn il-Konvenzjoni tgħid li dawn għandhom jingħataw protezzjoni legali kontra kull forma ta' abbuż.

L-istati Membri li jirratifikaw din il-konvenzjoni huma marbuta li li joħolqu kundizzjonijiet diċenti għall-ħaddiema domestiċi, u jipprovdu dettalji fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, waqt li jiżguraw trattament ugwali daqs ħaddiema oħra fejn jidħlu benefiċċji u f'każijiet ta' maternità.

Dawn il-ħaddiema għandu jkollhom aċċess biex iressqu l-ilmenti f' każ ta' diskriminazzjoni jew ksur ta' driitijiet umani. F'ċertu pajjiżi dawn il-ħaddiema jiffaċċjaw abbuż fiżiku u sesswali. Infatti l-awtoritajiet Filippini jipprojbixxu milli ħaddiema domestiċi jmorru jaħdmu f'ċertu pajjiżi, fosthom l-Indja, l-Afghanistan, Libya, l-Iraq, Sudan, Chad u Pakistan.

L-għaqda Żminijietna dan l-aħħar ħarġet stqarrija biex tħeġġeġ lil Gvern Malti biex bħal stati oħrajn tirratifika din il-Konvenzjoni biex b'hekk jidħlu fis-seħħ liġijiet ġodda tax-xogħol li jkopru dan is-settur għal benefiċċju tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fih.

L-awtortitajiet Filippini joffru programmi ta' taħriġ u edukazzjoni f'dan il-qasam, sabiex l-aktar il-ħaddiema żagħżagħ Filippini jkollhom l-opportunità li jfittxu mpjieg f'pajjiżi oħra, fejn id-domanda għal dan ix-xogħol f'pajjiżi żviluppati qed tiżdied. Il-pajjiż tal-Filippini huwa l-ikbar esportatur ta' ħaddiema, fejn 11% tal-popolazzjoni ta' 94 miljun persuna jaħdmu barra mil-pajjiż.

# Vot Favur 'Ewropa Soċjali'

**Apert – Birkirkara.**

Fi ftit xhur oħra se jkollna elezzjoni tal-Parlament Ewropew. Għalkemm Malta ntitolata għal sitt membri biss f'kamra ta' 750 rappreżentanti, s-sehem tagħna jaf jikber fl-importanza politika skond il-bilanċ politiku li jirriżulta f'dik l-assemblea, minn din l-elezzjoni.




Dak il-parlament nafu dejjem ta maġġoranza politika lil lemin, li matul iż-żmien mexxiet lil-UE lejn is-sistema neo-liberali ta' "l-ekonomija qabel il-bniedem", kif qegħdin nesperjenzawha llum. Fil-prijoritajiet politiċi ta' dawn in-nies il-ħaddiem jitpoġġa lura tant, li ma jingħatax post għajr ta' numru, li jiġi mmanipulat skond il-ħtieġa tal-prijorità ewlenija ekonomika.

B`dik il-politika, l-kwalità tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE sejra lura f'kull fażi ta' ħajjithom, kaġun tad-distribuzzjoni nġusta tal-ġid. Dan jirriżulta mil-libertinaġġ li l-Unjoni tagħti lil operaturi tal-finanzi/negozji, billi bla daqq ta' trombi warrbet regoli bankarji/kummerċjali/ndustrijali, u tat lok għal abbużi li ġabu diżastru finanzjarju li ppruvat issolvieh b'miżuri ħorox ta' awsterità, li farrku lil masses ta' dħul baxx u medju, u xkattaw kriżi ekonomika kbira.

Flok tirpilja l-ekonomija, l-awsterità qed tirrestrinġi iżjed l-attivita ekonomika bit-tnaqqis tan-nefqa pubblika u b'iżjed taxxi nġusti li jkomplu jixxuttaw il-flus miċ-ċirkulazzjoni, waqt li tkompli żżid it-tbatija tal-kotra bit-tnittif tas-servizzi soċjali. Dan jerġa jnaqqas il-prospetti tax-xogħol b'dannu kemm għaż-żgħażagħ qiegħda u għal anzjani mcaħħdin mill-mistrieħ mistħoqq.

Dik il-politika neo-liberali qegħda tiddiżappunta liż-żgħażagħ li ma jsibux spazju la fejn jidħlu fid-dinja tax-xogħol, u lanqas fejn javvanzaw f'karriera kompatibbli ma' l-abbiltà/kwalifiki tagħhom. L-adulti sa l-età tal-pensjoni, huma frustrati b'dik il-politika li qed tifnihom b'inċertezzi u ansjetà f'kull rwol li għandhom fil-ħajja bħala ġenituri, ħaddiema, konsumaturi, u membri tal-komunità.

L-istess politika diġà kkundannat lill-ħaddiema għal żewġ estenzjonijiet tal-età pensjonabbli, biex qed ikollhom jibqgħu jaħdmu għal aktar snin biex jieħdu l-pensjoni. Sadanittant il-problema finanzjarja għadha magħna, u ma waqafx it-theddid li se jkompli jitwal il-perjodu tal-ħajja tax-xogħol, u li jogħlew ir-rati u jitnaqqsu l-kundizzjonijiet u s-sigurtà tal-pensjoni.

L-ekonomija tibqa' mixja fuq 'puncture' b'dik l-awsterità f'kull qasam, li tolqot bl-iżjed mod negattiv lill-ħaddiema, li huma l-iżjed settur li jistimola l-attivita ekonomika. Din hija r-raġuni ewlenija li żdied il-qgħad u naqas il-konsum u faqqsu problemi soċjali ta' kull xorta, u staġna l-ekonomija madwar l-UE.

F'din l-atmosfera tempestuża l-ħaddiema qed jiġu mbuttati fuq quddiem, biex bis-sagrifiċċji tagħhom isalvaw is-sorsi spulpjati tal-ekonomija.

Din it-tattika saret tollerata u anke nkoraġġita minn ċerti stati, biex qed tistituzzjonalizza l-isfruttament tal-ħaddiema, u tfaqqas stil ta' skjavitu modern bix-xogħol ta' kundizzjonijiet prekarji. It-trażżin ta' dik il-moda tal-UE mill-gvern ġdid laburista b'regoli u passi kontra l-prekarjat f'Malta hija eċċezzjoni ta min ifaħħara u jiftaħar biha.

F'ġieħ l-ekonomija, sid kien sar jista' jimpjega b'kundizzjonijiet prekarji, jissensja l-ħaddiema bla bżonn ta raġuni valida, u jsib liġijiet li jirrestrinġu l-attivita tal-unjins. F'ġieħ l-ekonomija, gvern lemini jittollera dawn l-oxxenitajiet, ibiegħ assi statali biex b'somma ta' darba jaħbi biċċa mid-defiċit, u jaqta' min-nefqa soċjali biex ipatti għat-telf annwali tad-dħul minħabba l-privatizazzjoni ta' dawk l-ażjendi statali li kienu jirrendu.

Din il-politika lill-ħaddiem ġabitu sempliċi 'pawn' li jintlagħab kif ikun jaqbel għad-difiża tar-re li jmexxi l-ekonomija, fuq iċ-chessboard nazzjonali.

L-elezzjoni tal-MEP's se tkun opportunità tajba biex tinbidel it-tmexxija Ewropea, li mil-progress li rbaħna bis-solidarjetà, ġabitna f'tigrija egoistika għal eżistenza ndividwali. Il-kotra fl-UE tista' toħroġ minn din il-gażiba, billi tappoġġa bl-akbar solidarjetà lill-kandidati tal-gruppi xellugin kollha tal-parlament Ewropew.

Bħalma juri l-eżempju tal-gvern tal-PL fil-każ tal-prekarjat, rebħa tax-xellug fil-Parlament Ewropew tista' tinfluwenza ċaqliq u bdil ta' fehmiet fil-kunsill u fil-kummissjoni tal-UE, biex tinbidel ir-rotta politika b'180 'degrees', mil-"ekonomija tas-suq isuq" għal dik ta "Ewropa Soċjali".

# *Osservazzjonijiet........*

**Edward Deċelis**
**Mosta**

### Malta/Sirja

Il-politika li qed jaddatta l-gvern tal-ġurnata fil-konfront tas-Sirja, żgur li ma tirriflettix dak li jemmen fiħ ix-xellug.

Donnu li d-duttrina li qed iwasslulna, u l-mistura li qed jisqulna minn tal-Unjoni Ewropea, llupjawna, u qed naraw b'viżjoni mċajpra. Bilfors hekk la għamilna bħalhom u tajna għarfien sħiħ lir-ribelli.

### Sette Giungio

Għal xi raġuni l-Jum Nazzjonali tas-Sette Giungio, (ta' meta d-demm ta' ħutna Maltin u Għawdxin bħalna, ġie mċarċar mat-toroq tal-Belt tagħna) m'għadux jiġi kkommemorat kif jixraq.

Dik is-sogħba u n-niket li tnissel din il-ġrajja, m'għadha tinħass imkien. U dan minħabba illi min hu konċernat aktar qed jagħti mportanza lil dawk il-ġrajjiet politiċi oħra.

Dawn il-martri tas-Sette Giungio jixirqilhom aktar rispett. Mhux biss, imma pajjiżna m'għandu jiddejjaq xejn li jmur għand il-Gvern Ingliż u jitolbu kumpens xieraq għal Malta, talli suldati minn tiegħu ċappsu jdejhom bid-demm ta' missierijietna f'pajjiżna stess.

### Arriva

Jekk l-ex Ministru Austin Gatt falla fit-twaqqif ta' l-Arriva f'Malta, l-Onor Ministru konċernat u responsabbli mit-trasport pubbliku tal-ġurnata, ma tantx jagħmillu għajb. Mhux talli ma solviex il-problemi fi żmien tlett xhur, imma problemi aktar inħolqu u akkomulaw.

In-nies mhux studju jridu imma soluzzjonijiet. Kemm se jdumu l-istess nies jinħarqu fl-aqwa tax-xemx fuq l-istejġis jistennew l-Arriva li donnha ma tasal qatt?

### Il-Lingwa Maltija (Għawdxija)

Tad-daħq kienet dan l-aħħar, meta waqt ġuri l-imħallef ħatar interpretu mill-Malti għall-Malti sabiex jispjega u jfiehem lill-ġurati dwar il-kliem b'Malti jew Għawdxi pur li beda jitkellem biħ xhud ewlieni fl-istess ġuri għax ma bdewx jifmuh. U kif l-għaqda li tipproteġi l-lingwa Maltija qatt ma tlissen kelma?

# Idealistic Glue for a Broken World

**Sammy Camilleri**
**Ontario, Canada**

If ever there was a time for audacity, Karen Armstrong thought, this is it, it was 2008. She had just won the 'TED' (Technology Entertainment and Design) Prize, given to an individual with an idea that could change the world. It comes with a $100.000 award and the opportunity to make a selfless wish. The Fetzer institute, a private foundation based in Michigan State, will mobilise the people and resources to make it happen.

"I had never heard of the TED Prize", the British author recalled in a recent interview, but when somebody says you've got a wish for a better world and we'll make it come true, why not be audacious?

So she boldly asked for the Institute's help to "create, launch, and propagate a charter of compassion". Drafted by the leaders of the world's major religions, it would unite humanity behind the principle common to all faiths: Treat others as you want to be treated.

The charter was launched on 12th Nov 2009. It has now been endorsed by 60,000 people, and Armstrong, a former Roman Catholic nun who left the convent to battle the world's ills, is at the centre of a movement that stretches from rural Ethiopia to the executive of New York.



***"How many people are given the chance to leave the world better than they found it?" Karen Armstrong.***

"It isn't just a matter of being nice", she stressed. "It requires you all day and every day to put yourself in someone else's shoes". That means refusing to inflict pain, speaking out when politicians or clerics advocate intolerance, shaming bullies, tackling hunger and homelessness, taking exception to the notion that self-interest is good for society, and reaching across ethnic and historical barriers.

"It's a hard work", Armstrong stressed. "But we have to try because we're in a dreadful state. Our world is dangerously polarised".

The imbalance of wealth and power has led to a growing rage that has erupted in terrorist atrocities. We are engaged in wars we seem unable wither to end or win. She was confident, when she accepted the TED Prize. That compassion was the world's best hope against extremism, hatred, and violence. But she didn't anticipate how far her message would spread and where it would take root.

"I am going to Pakistan because that's surely has to be one of the fault lines of the world", Armstrong said, pointing to it's mix of terrorism, sectarian conflict and ethnic strife. "But we have a team there, working flat out to get the charter into schools and colleges".

In the Middle East, Badr Jafar, chief executive of crescent petroleum, has taken up the cause. In Holland, educators have written a children version of the charter for classrooms.

Globally, 150 organisations joined the campaign.

After leaving the convent, she shunned religion for 13 years. "Then I started learning about other faiths – Judaism, Islam, and the Eastern Orthodox Churches – and I found a lot of things I could relate to". She later studied Hinduism, Buddhism, and Confucianism".

"All the religious traditions kept pushing me back to compassion", she said. "Despite their surface differences, each had its own version of the golden rule". Armstrong now calls herself a "Monotheist". She has written 20 books, some scholarly, some daring. Her latest, published two years ago called 'Twelve Steps to a compassionate life'.

She is on the road constantly, bouncing between exhiliration and exhaustion. It is good way to live, she said "How many people are given the chance to leave the world better than they found it?"

# Ix-Xellug Kontra l-Politika ta' Privatizazzjoni.

**David Pisani**

Il-pakketti ta' riformi ekonomiċi li l-Bank Dinji, l-Istituzzjonijiet Ewropej u gvernijiet neoliberali mbuttaw fl-aħħar deċennu, kienu strumentali biex jiġu privatizzati servizzi u assi pubbliċi. Il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema kif kienu magħrufa fuq xogħol diċenti u sigur iddgħajfu, u magħhom ddgħajfu wkoll il-liġijiet ambjentali.

Infatti l-filosofija neoliberali ta' Milton Friedman tenfasizza li settur privat jkun hu li jmexxi l-oqsma kollha ekonomiċi, bl-għan li jiżdied aktar il-profitt kapitali. L-għan, fl-aħħar u mhux l-inqas kien li tiġi żmantellata l-politika xellugija favur sehem aktar tal-Istat fl-ekonomija, li kienet ta' theddida diretta għall-klassi kapitalista li riedet il-massimizzazzjoni tal-profitt.

Statistika maħruġa mil-Bank Dinji turi li bejn 1980 u 1992, total ta' 6,832 ażjenda u servizzi pubbliċi spiċċaw privatizzati.

Il-prinċipji bażiċi tal-politika neoliberali huma l-privatizazzjoni, id-deregulazzjoni, ir-rilokazzjoni ta' sussidji minn oqsma soċjali għal dawk privati, u li sovranitá nazzjonali tingħata f'idejn blokki oħra kummerċjali. Ir-rwol tal-Istat jibqa' biss minoritarju, biex jamministra fondi pubbliċi, ġbir ta' taxxi, u biex jilleġisla politika




ekonomika li tippromwovi aktar l-ideoloġija tas-suq ħieles mingħajr kontrolli.

Malta, din l-ideologija neoliberali wkoll sabet l-għeruq tagħha. Infatti fl-1999, inħareġ dokument għal pjan strateġiku nazzjonali ekonomiku bi titlu 'Privatizazzjoni- Strateġija Għal Futur". Il-privatizzazjoni f'Malta waslet biex mal-40 kumpanija tal-Istat jiġu likwidati, 22 'fully privatised' (fosthom il-gass, Sea Malta, MIA, Mid Med Bank, Lotterija Nazjonali, Telecom etċ) u oħrajn taħt 'part-privatisation' fejn parti mil-ishma tal-kumpanija jinbiegħu lill-privat (fosthom Bank of Valletta), u issa hemm wkoll il-proposta tal-gvern preżenti li jbiegħ parti mil-ishma tal-korporazzjoni Enemalta lill-Kumpanija Statali Ċiniża. Il-politika nazzjonali ta' 'outsourcing' lill-privat hija wkoll parti mill-istrateġija neoliberali.

F'Malta rajna wkoll il-ħolqien ta' (Privatisation Unit) biex tiffaċilita l-privatizzazzjoni ta' ażjendi u servizzi pubbliċi.

Riċerka nternazzjonali turi li l-privatizzazzjoni waslet għal aktar diżugwaljanza soċjali, tariffi ġodda jew ogħla, telf ta' mpjiegi u aktar ħolqien ta' xogħol prekarju – insigur (fejn ħaddiem jitħaddem b'kuntratt ta' xogħol temporanju, part-time, self employed jew permezz ta' aġenziji privati ta' ħaddiema temporanji.

Il-Partiti tax-Xellug fl-Ewropa u fid-dinja huma kontra l-politika ta' privatizzazzjoni ta' servizzi u oqsma pubbliċi u se jibqa' jaħdem sabiex l-Istat jerġa jkollu sehem akbar fl-oqsma ekonomiċi ta' mportanza nazzjonali, socjali, u ambjentali.

L-istess nemmen li x-xellug f'Malta għandu jisħaq għall-iżmantellar tal-privatisation unit li hi għodda neoliberali.

Noemi Klein, il-ħassieba u kittieba xellugija wkoll tkellmet dan l-aħħar f'diskors f'laqgħa ta' l-ikbar trejdjunjin tal-ħaddiema fil-Kanada fejn tenniet l-importanza li l-Istat jerġa' jieħu f'idejh it-tmexxija u l-kontroll tal-ekonomija.

Fl-aħħar ktieb tagħha "The Shock Doctrine" tagħti spjegazzjoni ċara tal-ħsieb tagħha favur il-għlieda li jridu jagħmlu l-organizazzjonijiet flimkien: fosthom dawk ta' Trejdjunjins, ambjentali, soċjali etċ kontra neoliberaliżmu u favur aktar is-sehem tal-istat fl-ekonomija.

# Attentat ta' Aggressjoni fis-Sirja mil-Istati Uniti

Il-kriżi, fejn l-Istati Uniti kienet qed thedded li tattakka s-Sirja sfumat, għalkemm mhux għal kollox, għaliex l-Istati Uniti terġa' tipprova ssib skuża oħra fil-futur sabiex tkun tista' tilħaq l-iskopijiet aħħarin tagħha.

Ir-raġunijiet vera wara l-insistenza persistenti tal-Istati Uniti sabiex tattakka lis-Sirja mhumiex fuq atti umanitarji favur il-poplu Sirjan, imma huma bbażati biss fuq strateġija ta' *Geo Politika,* sabiex twaqqa' mill-poter il-Gvern tal-President Assad, sabiex tiddgħajjef l-influwenza Russa ġewwa s-Sirja, u tissaħħah dik Lhudija fir-reġjun tal-Lvant Nofsani. B'hekk ukoll ikun qed jigi iżolat l-Iran, li wkoll jinsab fil-mira ta' l-ambizzjonijiet imperjalisti tal-Istati Uniti.

Il-Qawmien Għarbi magħruf bħala r-Rebbiegħa Għarbija, li twieled fit-Tuneżija, kellu l-għeruq tiegħu fil-massa tal-poplu, li qam u rvella, minħabba raġunijiet soċjali. Fil-fatt kienu l-ħaddiema u l-għaqdiet tagħhom li qamu jipprotestaw. Għalkemm gruppi Iżlamiċi ingħaqdu ma' dan il-qawmien, ma kien hemm l-ebda raġunijiet reliġjużi. In-nies kienu mgħaddba għall-mexxejja tagħhom li waqt dawn kienu qed jgħixu f'lussu kbir, jisparpaljaw ir-rikkezzi tal-pajjiż, il-poplu kien




jgħix fl-għaks u l-miżerja. Korruzjoni rampanti kienet taħkem mal-pajjiż kollu. Sabiex tieħu sempliċiment liċenzja, kont trid ixxaħħam bi flejjes kbar.

Kollox żbroffa meta bejjiegħ ta' triq ħaraq lilu nnifsu fit-triq għaliex ma setax jakkwista liċenzja sabiex ikun jista' jbiegħ ħa jaqla' l-ħobża ta' kuljum. Li ġara wara, llum huwa storja. Waqt li dan kollu kien qed jiġri fit-Tuneżija, ġara l-istess fl-Eġittu. Il-poplu Eġizzjan ħareġ jipprotesta ġewwa Misraħ Tahrir u baqa' hemm jipprotesta sakemm l-Armata Eġizzjana neħħiet mil-poter lill-President Mubarak u l-gvern korrot li hu kien imexxi.

L-Istati Uniti irnexxilha timmanipulha u tuża din ir-rebbiegħa Għarbija għal l-iskopijiet devji tagħha, billi għenet sabiex fundamentalisti Iżlamiċi jiksbu l-poter b'mezzi elettorali kemm fit-Tuneżija u kif wkoll fl-Eġittu biex ġabet fix-xejn il-vera aspirazzjonijiet ta' dawn il-popli rispettivi li jeħilsu mil-jasar li kienu. Tant kien hekk, li f'dawn iż-żewġ pajjiżi l-poplu reġa qam għat-tieni darba. Fl-Egittu l-Gvern ta' Morsi li kien rebaħ l-elezzjoni, reġa' ġie mwarrab mil-armata għaliex il-gvern tiegħu tant kien tilef il-popolaritá li spiċċa ta' theddida għall-interessi Imperjalistiċi u Żijonisti. Ta' min isemmi hawn, li l-armata Eġizzjana hi ffinanzjata mil-Istati Uniti u taħdem fl-interess tal-imperjaliżmu.

F'pajjiżi oħra bħall-Libja u s-Sirja fejn ma kienx hemm verament qawmien popolari, l-inkwiet beda min terroristi fundamentalisti iżlamiċi li ddaħlu bil-moħbi fil-Libja permess tas-CIA, bil-għajnuna tal-Għarabja Sawdita. Qajmu ferment fuq bażi reliġjuża kontra ir-reġim ta' Gaddafi li kien wieħed sekulari. L-Istati Uniti, Franza u l-Ingilterra isservaw bir-riżoluzzjoni tal-Ġnus Maqgħuda ta' *"no fly zone"* u llegalment invadew il-Libja meta marru oltre milli kien rikjest minnhom mill-Ġnus Maqgħuda. Illum il-Libja huwa pajjiż maqsum fejn qed jirrenja il-kaos.

Il-Ħrejjef li l-Punent ipprova jbellgħa li ser ikun hemm pajjiż fejn id-demokrazija tirrenja wara li jitneħħa Gaddafi baqgħet ma twetqitx.

Niġu għas-Sirja, skond dokumenti maħruġa min 'Wikileaks' juru li minn Diċembru ta' 2011 l-iStati Uniti kienet qed tippjana ntervent militari ġewwa s-Sirja. Id-Dokumenti jikxfu l-fatt, li l-Pentagon kien qed jistenna li xi massakru li seta' jiġri, jiġbed attenzjoni kbira mil-medja tal-Punent u b'hekk ikollu skuża għall-intervent militari mill-ajru. Dan il-massakru wasal f'Mejju li għadda ġewwa l-belt ta' Ħula, u l-mass midja tal-Punent konvenjentament waħħlet f'Bashir al Assad. Imma l-fatti jindikaw mod ieħor.

Fis-Sirja, l-gwerra ċivili li bdiet mas-sentejn ilu għanda ħafna paraleli ma' dak li kien ġara fil-Libja, sempliċiment li mhuwiex vera li r-ribelli Sirjani, jekk wieħed jista' jsejħilhom hekk - għalfatt li dawn fit-totalitá tagħhom, il-maġġoranza huma barranin ġejjin miċ-Ċeċenja, l-Għarabja Sawdita, il-Baħrejn, u pajjiżi Iżlamiċi oħra. Dawn mhux qedgħin jiġġieldu għad-demokrazija fis-Sirja, imma sabiex jistabilixxu reġim Iżlamiku msejjes fuq il-liġi ta' 'Sharia' u jiteħħa għal kollox il-Gvern sekulari tal-President Assad, li anki jekk hu dittatur joffri aktar libertá min Gvern fundamentalist Iżlamiku.

Il-Prinċep Bandar, huwa Prinċep mil-Għarabja Sawdita li serva lil pajjiżu bħala Ambaxxatur għall-Istati Uniti għal żmien twil fejn bena rabta ta' tletin sena ma' dak il-pajjiż u kellhu ħbiberija kważi ntima ma' ħames presidenti u mal-persuni viċini li kienu l-konsulenti tal-President. Bandar huwa persuna ta' fiduċja għall-Istati Uniti u anki għandu konnesjonijiet ma' l-Istat Żijonista tal-Iżrael. Rapporti jgħidu li Bandar kien il-bniedem li ssuplixxa l-gass "Sarin" lir-ribelli fis-Sirja.

Il-Ġnus Maqgħuda ħarġet rapport li jgħid li l-gass Sarin verament intuża, imma dan ir-rapport skond ir-Russja huwa nkonklussiv. Filwaqt li l-Istati Uniti qabżet fuqu sabiex tiġġustifika attakk mil-ajru. B'intervent f'waqtu, l-Gvern Russu ppropona ftehim li wassal l-Istati Uniti milli jattakkaw. F'dan il-ftehim, il-gvern Sirjan wiegħed li jeqred l-armi kemikali, u sa dan il-waqt it-tim tal-Ġnus Maqgħuda se jerġgħu lura lejn is-Sirja ħalli joħorġu rapport ieħor fuq l-użu tal-gas Sarin. Nisperaw li din id-darba r-rapport ikun wieħed konklussiv mingħajr ebda *bias.*

Il-Partit Komunista Malti ingħaqad ma' inizzjattiva tal-Partit Komunista tas-Sirja u flimkien ma' Partiti Komunisti oħra minn madwar id-dinja iffirma riżoluzzjoni kontra kull forma ta' aggressjoni militari fis-Sirja.

**Victor Degiovanni**


**VOTE ALLEANZA LIBERALI**
**EUROPEAN PARLIAMENT ELECTION**
**24th MAY 2014**



**CANDIDATE - JEAN PIERRE SAMMUT**
**- VOTE FOR CHANGE AND FOR THE THIRD LARGEST POLITICAL GROUP IN THE EUROPEAN PARLIAMENT.**

**Alleanza Liberali, 67, Strait Street, Valletta VLT 1436**
**Tel: 99459714, 99449157, 99267086**
**www.malta-liberals.org – mail@john-zammit.eu – sammutjp@onvol.net**
*find us on facebook and youtube and on http://worldtv.com/alleanza_liberali_malta*


## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:
---------------------------------------------------------------------------
Indirizz:
---------------------------------------------------------------------------
Emejl:
---------------------------------------------------------------------------
Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000**

# MANIFEST ELETTORALI 2013